**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 27 ta' Jannar 2022

Rikors Numru: 41/2011 AL

**A B (KI 354983M)**

**vs**

**C D (KI 346581M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ippremettiet:

1. *Illi minn relazzjoni li kellha mal-konvenut twieled tifel, W D, u dan skond ic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';*

2. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet.*

3. *Illi minn meta twieled, il—minuri dejjem baqa' fil-kustodja de facto ta' l-esponenti li dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet ta' l-istess minuri.*

[1] Fol. 1.

4. *Illi l-konvenut mhuwiex qed jikkontribwixxi ghall-ghixen tal-minuri.*

5. *Illi jehtieg illi jigu regolati l-kura u kustodja, access u manteniment ghall-minuri.*

6. *Illi minkejja t-tentattivi ta' l-esponenti sabiex jintlaħaq ftehim dawr l-istess anki tramite l-proceduri ta' medjazzjoni, il-konvenut ma ikkooperax u fil-fatt il-medjazzjoni kellha tinghalaq.*

7. *Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob il din l-Onorabbli Qorti togobghha:*

1. *Tafda l-kura u kustodja tal-minuri W D f'idejn l-attriċi, b'access ghall-konvenut skond kif din l-Onorabbli Qorti jidrilha li huwa xieraq fic-cirkostanzi.*

2. *Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri W D skond kif iffissat mill-istess Onorabbli Qorti.*

3. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha huma fl-ahjar interess tal-minuri.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi l-konvenut ġie notifikat bl-atti tal-kawza seduta stante fl-ewwel udjenza nhar is-17 ta' Mejju 2011 u dan tramite l-Avukat li tirrapprezentah legalment Dr Maria Azzopardi;[2]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut C D, fejn ġie eċċepit:

1. *Illi r-rispondent jikkonferma li l-minuri W D twieled minn relazzjoni bejn il-partijiet, liema relazzjoni intemmet;*

[2] Fol. 12.

2. *Illi l-attrici ghamlet zmien twil timpedixxi lir-rispondent milli jara lil ibnu li llum ghandu sitt (6) snin u dawn ghar-ragunijiet inspjegabbli kif ser jigi ppruvat u trattat waqt il-proceduri odjerni;*

3. *Illi r-rispondent kien jiversa retta alimentary fil-gimgha u kien biss ghal perjodu ta' zmien meta spicca minghajr mill-impjieg li kien waqaf ihallas din ir-retta alimentari;*

4. *Illi mhux minnu li ir-rispondent ma kkoperax sabiex jintlahaq ftehim bonarju waqt il-proceduri ta' medjazzjoni izda dan gara propju inhabba l-ostinazzjoni tal-attrici li ccahhad lir-rispondent milli jqatta' hin mall-minuri minghajr raguni valida;*

5. *Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici, ir-rispondet jaccetta l-fatt li, peress illi bhala stat ta' fatt il-minuri izjed jista' jkun fil-kura u kustodja fattwali tal-attrici milli tieghu, b'dana pero' – (a) l-awtorita' paternali fir-rigward tal-istess minuri tibqa' vestita fiz-zewg genituri b'mod illi d-decizjonijiet kollha importanti li jirrigwardaw is-sahha, l-edukazzjoni u t-trobbija tal-istess minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg kontendenti flimkien; (b) li r-rispondent jinghata access ampju u adegwat ghal ibnu minuri W kif imfisser fin-Nota annessa u mmarkata bhala Dok. 'A'. Ghaldaqstant b'dawn ir-rizervi u kwalifiki, ir-rispondent ma jopponix ghal din l-ewwel talba attrici;*

6. *Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici, ir-rispondent jaccetta l-fatt li jrid ikun hemm direzzjoni rigward l-manteniment dovut mir-rispondent ghall-minuri W D, pero' dan ghandu jirrifletti l-mezzi tar-rispondent (vide kopja tal-FS3 annessa u mmarkata bhala Dok 'B' u statement tal-bank li juri home loan tar-rispondent anness u mmarkat bhala Dok 'C') u ghalhekk fl-umli fehma tal-istess respondent dan ghandu jkun ta' erbghin Ewro (€40) fil-gimgha;*

7. *Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, ir-rispondent ma ghandu l-ebda oggezzjoni sabiex jigi salvagwardjat l-interess suprem tal-minuri ibnu W.*

*Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu sapportati mill-attrici minn issa ingunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-Att tat-Twelid ta' W D, bin-numru progressiv ta' reġistrazzjoni 400 tas-sena 2005, fejn hemm imnizzel li twieled nhar is-27 ta' Jannar 2005;[3]

Rat id-digriet *pendente lite* ta' nhar it-22 ta' Frar 2012,[4] fejn il-Qorti akkordat lill-konvenut aċċess għal minuri, u dan *"kull nhar ta' Tlieta mill-4:00pm sas-6:00pm kull nhar ta' Sibt jew Hadd b'mod alternat mill-10:00am sal-4:00pm b'dan illi l-omm tkun prezenti waqt l-access"*, u barra minn hekk il-Qorti ordnat ukoll lil konvenut sabiex iħallas is-smma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għal minuri;

Rat l-affidavit tal-attriċi;[5]

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda imresqa u d-dokumenti ezebiti, liema ġew kollha mizmuma u mresqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Nadia Vella u l-Perit Legali Dr Abigail Critien;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Abigail Critien;[6]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[7]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, il-Qorti tara idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u ċjoe' riassunt tal-provi kollha mressqa mill-partijiet u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit, u dan sabiex tiġi evitata ripetizzjoni inutli.

[3] Fol. 3a.
[4] Fol. 39.
[5] Fol. 44.
[6] Fol. 229.
[7] Fol. 245.

## 1. Ir-Rapport tal-Perit Legali:

Il-Perit Legali Dr Abigail Critien ġiet maħtura għal tali skop permezz ta' digriet datat 6 ta' Novembru 2014,[8] fejn in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha din zammet numru ta' seduti. Wara li l-Perit Legali rat ir-rikors promotur, ir-risposti ġuramentati u l-kontro-talba, hija kompliet ir-rapport tagħha bis-segwenti:

5. *Illi fil-mori tal-kawża ġew ippreżentati s-segwenti provi, xhieda u dokumenti:*

1. *Kopja legali tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat id-19 ta' Jannar 2011 u li permezz tiegħu l-partijiet ġew awtorizzati jintavolaw il-kawża odjerna;*[9]

2. *Affidavit tal-attriċi*[10] *li permezz tiegħu tgħid li wara xi sena li bdew joħorġu flimkien, saret taf li kienet tqila. Tgħid li kien insista magħha biex ma tgħid lil ħadd u li riedha tagħmel abort pero' hi baqgħet tinsisti li trid it-tarbija sa' mill-bidu nett. Tgħid li kellha tqala normali ħlief għall-ġlied kontinwu mal-intimat li baqa' jinsisti li għandha tneħħi t-tarbija. Meta twieled il-minuri W, l- intimat irrikonixxih bħala ibnu. L-attriċi tgħid li kellha sapport mill-ġenituri tagħha sa' mill-bidu tat-tqala u wara li welldet baqgħet tgħix magħhom. Għall-ewwel xahrejn, l-intimat kien imur iżur lil ibnu regolarment. Wara tali xahrejn ir-relazzjoni tagħhom spiċċat. Ftehmu li ser jippruvaw ikunu ħbieb u ċivili minħabba t-tifel iżda tgħid li l-intimat ħalliha waħedha biex trabbi lit-tifel minkejja li kienu daħlu l-avukati wkoll fin-nofs biex jippruvaw jirranġaw id-differenzi ta' bejniethom. Kellha tirrikorri għall-avukat anke minħabba kwistjonijiet ta' flus għaliex minkejja li t-tifel kellu sentejn u nofs, ma kienx iħallas manteniment. Tiddikjara bl-aktar mod assolut li binha dejjem trabba fl-assenza ta' missieru minkejja li kienet titolbu xi bżonnijiet li kien ikollu l- istess tifel. Issemmi li kien hemm perjodu ta' xi sena fejn kien iħallas madwar Lm40 fix-xahar għat-tifel iżda baqgħu qatt ma ffirmaw xi forma ta' kuntratt. Sa' dan iż-żmien kien jara lill-minuri b'mod regolari għalkemm tgħid li meta t-tifel kien ikun ma' missieru fil-verita' kien ikun ma' nanntu b'dan li t-tifel kien imur id-dar jibki li jrid jara lill-papa'.*

[8] Fol. 147.
[9] Ara a fol 4 tal-proċess.
[10] Ara a fl 44 tal-proċess.

*Tgħid li wara qisu sena jew sena u nofs il-manteniment waqaf u baqax imur għal ibnu. Ħasset li donnu l-interess intilef filwaqt li hi ovvjament baqgħet tieħu ħsieb lill-minuri waħedha bl- għajnuna tal-ġenituri tagħha. Marret lura l-Universita', studjat u laħqet nurse ukoll. Reġgħet fetħet proċeduri ġodda relatati ma' kura u kustodja u manteniment iżda l-intimat mill-ewwel qalilha li ma kienx qed jaħdem u li ma kellux flus biex imantni lil ibnu.*

*Tgħid li kien jara lil ibnu biss għal tliet siegħat darbtejn fil-ġimgħa b'dan li kien hemm darba minn tali ġranet fejn l-attriċi kienet tkun preżenti għal tali aċċess peress li t-tifel kien jgħidilha li jibża' minn missieru u li jerfa' jdejh fuqu. Wara xi żmien li kienet tkun preżenti għal tali aċċess, l-intimat ma riedx li jibqa' jeżerċita d-dritt t'aċċess tiegħu fil-preżenza tal-omm u nqala' diżgwit fuq dan. Tant hu hekk li l-intimat ma baqax jara lil ibnu fil-ġurnata li l-omm kienet tkun preżenti. Żżid tgħid ukoll li kienet tkun preżenti wkoll għaliex l-intimat ibati mill-fits u għalhekk ma ħassitx li setgħet tħalli lit-tifel waħdu miegħu. Tagħlaq billi tgħid li bħal ma kien għamel qabel, kien taha x'tifhem li kienu ser jaslu fi ftehim pero' sfortunatament dan qatt ma wasal, speċjalment minħabba l-kwistjoni ta' manteniment u li t-tifel dejjem trabba magħha fid-dar tal-ġenituri tagħha li tawha s-sapport kollu possibbli f'ċirkustanzi fejn il-missier kien assenti.*

*L-attriċi terġa' tixhed din id-darba viva-voce waqt is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella datata l-25 ta' Ġunju 2013*[11] *fejn tesebixxi prospett mensili magħmul minnha stess dwar l-ispejjeż li tinkorri għall-minuri W.*[12] *Tispjega li s-somma ta' €60 spejjeż mediċi huma marbuta mal-kondizzjoni li jbati biha l-minuri u ċioe' ta' ADHD li jinkludu spejjeż ta' tobba u konsulti li mhux dejjem jistgħu isiru b'xejn avolja l-mediċina hija provduta mill-istat b'xejn. Sussegwentement terġa' tixhed viva-voce quddiem il-Perit Legali*[13] *fejn tispjega li mill-aħħar xhieda tagħha s-sitwazzjoni marret għall-agħar għaliex l-intimat ma jżommx il-ħin tal-aċċess jew ma jiġix għat-tifel li fid-data ta' tali seduta kellu 11 -il sena u dan mingħajr ma javżaha jew ibiddel il-ħinijiet kif irid. Tiddikjara li ġieli jgħaddu ġimgħat mingħajr ma jara lit-tifel. Tgħid li l- aċċess ta'*

[11] Ara a fol 105 tal-proċess.
[12] Ara Dok. CBX1 esebit a fol 120 tal-proċess.
[13] Ara x-xhieda tagħha waqt is-seduta ta' nhar is-6 ta' Diċembru 2016.

*nhar ta' Tlieta mhux qed jiġi eżerċitat u żżid tgħid li qed tieħu lit-tifel għand psikologu minħabba l-fatt li ma jistax jaċċetta li missieru kellu tarbija oħra u qed iħoss li abbandunah u jkun irrabjat meta missieru ma jirrispondix it-telephone jew ma jmurx għall-aċċess. Tgħid li semgħet b'widnejha stess lill-intimat jgħid lit-tifel li ma jimpurtahx minnu. Tistqarr li t-tifel jixtieq jara u jqatta' aktar ħin ma' missieru iżda dan tal-aħħar m'għandux interess. Mistoqsija għala hemm problema bi sleepover jekk il-minuri qed juri x-xewqa li jkollu aktar ħin ma' missieru l-attriċi tgħid li għax l-aċċess ma jseħħx matul il-ġimgħa u allura ma tarax raġuni għala għandu jieħdu meta jkun rieqed. Tgħid li baqgħet tinsisti li ma jkunx hemm sleepover għaliex l- aċċess daqqa tajjeb u daqqa le u ma jkunx regolari.*

3. *Brenda Vella in rappreżentanza ta' ETC li esebiet l-employment history tal-intimat*[14] *li juri li l- istess intimat fiż-żmien ta' tali xhieda kellu impjieg ma' Arrigo Group of Hotels Limited bħala maintenance fuq bażi full-time u dan mill-5 t'April 2010;*

4. *Ċertifikat jew aħjar dikjarazzjoni maħruġa minn Dr. A. Galea Debono Consultant Neurologist datat it-28 ta' Marzu 2012*[15]*;*

5. *Ċertifikat jew aħjar dikjarazzjoni maħruġa minn Dr. Paul D datata s-26 ta' Maru 2012*[16]*;*

6. *Ittra maħruġa minn Osborne Hotel datata s-26 ta' Marzu 2012*[17] *li tikkonferma kemm l- intimat hu fdat fuq ix-xogħol, kemm jaħdem b'mod diliġenti u li hu raġel fiżikament b'saħħtu u li hu fdat;*

7. *Comprehensive Flexi Plan – Policy Schedule f'isem l-intimat*[18]*;*

8. *Riċevuta maħruġa minn MSVLIFE f'isem l-intimat u Josephine Micallef datata l-14 ta' Settembru 2011*[19]*;*

---

[14] Ara Dok. ETC1 esebit a fol 53 tal-proċess waqt is-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella datata l-15 ta' Mejju 2012.
[15] Ara Dok. A esebit a fol 68 tal-proċess.
[16] Ara Dok. B esebit a fol 69 tal-proċess.
[17] Ara Dok. Ċ esebit a fol 70 tal-proċess.
[18] Ara Dok. D esebit a fol 71 tal-proċess.
[19] Ara a fol 72 tal-proċess.

9. *Home-Policy f'isem l-intimat u Josephine Micallef*[20]*;*

10. *Affidavit ta' Margaret D*[21]*, omm l-intimat li tikkonferma li binha (li jgħix magħha) tatu aċċessjoni darba u dan kien f'Marzu 2005 u li t-tabib kien tah il-mediċina li mbagħad ma baqax joħodhom. Tgħid li din kienet l-unika darba li kellu aċċessjoni, għandu impjieg fiss bħala maintenance u hu raġel b'saħħtu tant li qed jipprepara biex jiżżewweġ. Tgħid li waqt l-aċċess li kien jeżerċita, kien jieħu t-tifel għandhom u dejjem kien ikun responsabbli;*

11. *L-employment history tan-nanna materna tal-minuri Grace B*[22] *li jikkonferma li m'għandhiex impjieg;*

12. *Xehdet Grace B*[23]*, omm l-attriċI li tikkonferma li bintha dejjem għixet magħha u lil-minuri W ilhom jgħixu magħhom ukoll minn mindu twieled. Tgħid li bintha taħdem bħala nurse u għalhekk tkun hi li żżommu meta bintha tkun xogħol għax tgħid li ma joqgħod ma' ħadd aktar. Fiż-żmien ta' tali xhieda l-minuri kellu 8 snin. Tgħid ukoll li tkun hi li meta bintha ma tkunx tista' tkun preżenti għall-aċċess tal-intimat li tkun preżenti minflokha u tgħid li t-tifel imur tajjeb. Tgħid li taf fuq il-fits mingħand bintha għaliex darba kien iddaħħal l-isptar tant li marret tarah ukoll. Dwar il-flus tgħid li l-maġġor parti tal-flus għall-għixien tat-tifel toħroġhom bintha iżda meta ġiet bżonn, sabet lilhom ukoll bħala l-ġenituri tagħha. Tikkonferma li dak iż-żmien bintha kienet qed tipperċepixxi manteniment iżda l-ebda flus għall-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni mingħand l-intimat b'dan li tgħid ukoll li fil-passat kien hemm żmien fejn ma kienx iħallas. Tgħid li kull min jgħix magħhom fid-dar kullħadd għandu relazzjoni tajba ħafna mal- istess minuri.*

*In kontro-eżami tgħid li għall-ewwel sentejn, l-intimat ma kienx jara lil ibnu. Imbagħad beda jarah mhux regolari u eventwalment inqata' wkoll dak l-aċċess. Kif ġew intavolati l-proċeduri l- Qorti reġa' beda jseħħ u*

[20] Ara a fol 73 tal-proċess.
[21] Ara Dok. E a fol 74 tal-proċess.
[22] Ara Dok. A a fol 79 tal-proċess.
[23] Ara x-xhieda tagħha a fol 101 ta-proċess mogħtija waqt is-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella datata s-17 ta' Mejju 2013.

*mbagħad reġa' waqaf iżda tgħid li preżentement regolari. Tgħid li fl-ewwel sentejn l-intimat lanqas kuntatt ma prova jagħmel b'dan li meta t-tifel għalaq sena, l- familjari tiegħu kienu hemm filwaqt li hu ma marx. Tagħti spjegazzjoni tal-aċċess kif isir u tikkonferma li nhar ta' Sibt l-aċċess ikun liberu fis-sens li ma jkunx hemm l-omm jew hi preżenti. Tgħid li wara l-aċċess issa t-tifel qed ikun normali b'dan pero' li fil-passat kien imur lura d-dar irrabjat u kien jagħmel taħtu. Tagħti spjegazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol ta' bintha u tgħid li l- istess bintha ma tħallax għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma imma tħallas l-internet u darba fix- xahar tagħmel xirja ta' detergents u xi affarijiet oħra u żżid tgħid li l-ħwejjeġ u l-edukazzjoni tat-tifel tħallashom kollha bintha A.*

*Tattribwixxi l-fatt li t-tifel mar għall-aħjar u llum qed imur id-dar normali wara l-aċċess għaliex l-istess aċċess qed isir b'mod normali. Tgħid li t-tifel kien mar camping t'erbat ijiem u tgħid li l- ewwel jumejn beka u mbagħad issetilja.*

13. *Dr. Elizabeth Quintano in rappreżentanza tad-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali*[24] *li tikkonferma li l-istess intimat m'għandu ebda kumpilazzjoni pendenti. Ix-xhud reġgħet ġiet inġunta għas-seduta quddiem il-Perit Legali ta' nhar il-5 ta' Frar 2015 u kkonfermat l-istess xhieda;*

14. *WPC 90 Antonella Busuttil*[25] *li tgħid li mis-sistema ma sabet ebda rapport intavolat mill-attriċi fil-konfront tal-intimat;*

15. *Simon Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*[26] *li jikkonferma li l-intimat ma jirċievi ebda benefiċċju jew ħlas mid-Dipartiment filwaqt li jiddikjara li l-attriċi kienet tirċievi l-assistenza soċjali mill-4 ta' Novembru 2006 sas-26 ta' Novembru 2010 u jesebixxi Dok. DSS1*[27] *bħala prova ta' dan u jiddikjara wkoll li mis-sena 2005 sad-data tal-istess xhieda kienet qed tipperċepixxi childrens' allowance fuqil-minuri W kif jirriżulta minn Dok. DSS2*[28].

[24] Ara x-xhieda tagħha a fol 104 tal-proċess waqt is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella datata l-25 ta' Ġunju 2013.
[25] Ara x-xhieda tagħha a fol 104 tal-proċess waqt is-seduta quddiem l-Assistet Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella datata l-25 ta' Ġunju 2013.
[26] Ara x-xhieda tiegħu a fol 104 tal-proċess waqt is-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella datata l-25 ta' Ġunju 2013.
[27] Ara a fol 110 tal-proċess.
[28] Ara a fol. 111 tal-proċess.

16. *Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*[29] *li jerġa' jikkonferma li l-intimat ma jieħu ebda benefiċċju soċjali filwaqt li l-attriċi qed tirċievi children's allowance skond id-dokument A li jesebixxi l-istess xhud*[30]*. Ix-xhud jispjega li d-differenza bejn dak perċepit għas-sena 2010 u s-sena 2011 hija abbażi tal-fatt li l-attriċi bdiet taħdem u għalhekk qed tieħu r-rata minima u dan jista' jkun jew għaliex taqbeż il-kwota jew għax m'applikatx.*

*6. DWAR IL-KURA U L-KUSTODJA*

*Illi l-esponenti tirrileva li talbiet relatati mal-kura u l-kustodja tal-minuri għandhom dejjem jiġu deċiżi skond il-prinċipju ta' x'inhu fl-aħjar interessi tal-minuri. F'dan l-istadju l-esponenti tagħmel referenza għall-kawza fl-ismijiet* ***M. B vs Onor J. Raynaud***[31] *fejn ġie dikjarat li "Il- prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal" kif ukoll għall-kawża fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[32] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[33] *fejn ġie ritenut li "r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal".*

*Tenut kont ta' dak suespost, jirriżulta allura li l-esponenti trid neċessarjament tasal għall- konklużjoni tagħha dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri W skond il-prinċipju tal-aħjar interessi tiegħu.*

*Għalkemm l-intimat irrisponda għall-kawża u jirriżulta li hemm xi forma ta' relazzjoni mal- minuri, dak li tgħid l-attriċi kwantu għall-interess tal-istess intimat versu ibnu hu rifless anke fl- atti tal-kawża stante li l-intimat, minkejja diversi opportunitajiet spiċċa biex lanqas ressaq il- provi tiegħu. Pero' dan ma jfissirx bilfors li l-intimat għandu joħroġ mill-ħajja tal-minuri – anzi jfisser li kemm jista' jkun tali relazzjoni għandha kemm jista' jkun tissaħħaħ. L-esponenti tirrileva wkoll li l-istess intimat ma ressaq ebda kontro-talba da parti tiegħu sabiex jingħata l-kura u l- kustodja tal-istess minuri iżda dan ma jfissirx li d-*

[29] Ara x-xhieda tiegħu a fol 167 tal-proċess waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-5 ta' Frar 2015.
[30] Ara Dok. A esebit a fol 169 tal-proċess.
[31] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947.
[32] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972.
[33] Deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972.

*deċiżjoni relatata mal-kura u l-kustodja għandha neċessarjament tingħata lil dik il-parti li tkun qed titlobha għaliex huwa fid-dover u fl- obbligu tal-Onorabbli Qorti li tasal għal tali deċiżjoni skond dak li huwa fl-aħjar interessi tal- minuri.*

*Minkejja dan kollu, l-esponenti, wara li rat il-provi mressqa mill-attriċi u fid-dawl tar-risposta ġuramentata tal-istess intimat hija tal-umli opinjoni li hu fl-aħjar interessi tal-minuri li r- rikorrenti tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri b'mod esklussiv u dan għas-segwenti raġunijiet:*

(a) *Jirriżulta mill-atti li l-intimat tilef l-interess b'dan li lanqas l-aċċess mogħti lilu m'hu qiegħed jiġi eżerċitat;*

(b) *Illum il-ġurnata W, għalkemm minuri, għandu ċertu eta' li jifhem;*

(c) *Kienet l-attriċi li kienet dejjem kostanti fil-ħajja ta' binha b'dan li l-intimat, daqqaj żomm pattern kostanti u daqqa le. Dan ma jawgurax tajjeb għall-aħjar interessi tal-minuri li għandu bżonn il-konsistenza u l-assigurazzjonijiet neċessarji li hu maħbub miż-żewġ ġenituri;*

(d) *M'huwiex prattiku li missier li m'huwiex konsistenti jibqa' jiġi mitlub sabiex jiffirma għal kull dokument li jkun hemm bżonn u li hu relatat mal-minuri. L-esponenti tifhem kemm -il dokument llum il-ġurnata jiġu mitluba jiffirmaw il-ġenituri u fiċ-ċirkustanzi partikolarti tal-każ fejn donnu l-intimat interessat biss f'ibnu għal ftit siegħat fil-ġimgħa (b'dan li lanqas biss prova jagħmel sforz biex ikollu ftit tal-ħin adegwat jew skond ix-xewqat tiegħu u tal-minuri) mhux prattiku u ekwu anke għall-istess minuri li jrid jistenna l-kunsens u l-approvazzjoni ta' missieru għal kull ħaġa meta jirriżulta ampjament li hija l- omm li prinċipalment tieħu ħsieb kull aspett relatat mal-minuri;*

*Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex l-esponenti m'għandha ebda raġuni għala ma tagħtix kredibilita' lil dak li ssostni l-attriċi permezz tal-affidavit u x-xhieda tagħha. Huwa f'dan il- kuntest ukoll li l-esponenti hija tal-opinjoni li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li l-attriċi tkun fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja tal-minuri.*

*7. DWAR L-AĊĊESS*

*Illi jibda biex jingħad li qabel ma bdew jinġabru l-provi u fi stadju bikri tal-proċeduri nhar is-16 ta' Jannar 2012 ġie ntavolat rikors da parti tal-intimat C D u li permezz tiegħu talab aċċess għal ibnu W skond Dok. A*[34] *u ċioe' aċċess ta' darbtejn fost il-ġimgħa fil-ġranet li jidhrilha din l-Onorabbli Qorti u tenut in konsiderazzjoni l-impenji soċjali tal-minuri mill-4.30pm sas-7.00pm u darba fil-weekend is-Sibt jew il-Ħadd b'mod alternat mill-11.00am sal-5.00pm. Talab ukoll aċċess speċifiku fil-ġurnata tal-birthday tal-minuri u ċioe' nhar is-27 ta' Jannar mill- 4.00pm sas-6.00pm. Permezz ta' digriet datat it-22 ta' Frar 2012 din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet u akkordat aċċess tal-minuri kull nhar ta' Tlieta mill-4.00 sas-6.00pm u kull nhar ta' Sibt jew Ħadd b'mod alternat mill-10.00am sal-4.00pm b'dan illi l-omm tkun preżenti waqt l- aċċess, laqgħet it-tieni talba b'dan illi l-omm tkun preżenti waqt l-aċċess.*

*Permezz ta' rikors datat is-27 ta' Marzu 2012 l-attriċi talbet sabiex meta ma tkunx tista' tkun preżenti hi stess għall-aċċess eżerċitat mill-intimat, tkun ommha li tkun preżenti minflokha. Iżda tali talba ġiet miċħuda wara anke l-oppożizzjoni li għamel l-istess intimat.*

*Permezz ta' rikors datat l-10 t'April 2012 l-intimat talab varjazzjoni fid-digriet tat-22 ta' Frar 2012 fis-sens li waqt l-aċċess tiegħu ma jkunx hemm preżenti wkoll l-attriċi iżda tali rikors ġie miċħud permezz ta' digriet datat it-2 ta' Mejju 2012.*

*Wara tali atti ġudizzjarji, jidher li l-intimat ma baqax jikkomunika mal-Avukat tiegħu b'dan li ma ressaq ebda prova u xhieda. Pero' mill-atti xorta waħda jirriżulta li b'xi mod hemm xi forma ta' aċċess li qed jiġi eżerċitat da parti tal-intimat għalkemm il-konsistenza baqgħet dejjem waħda problematika. Fid-dawl ta' dan kollu, fid-dawl tax-xhieda tal-attriċi stess, fid-dawl tax-xhieda t'ommha (li l-esponenti tagħti kredibilita') u fid-dawl tal-fatt li llum -il ġurnata l-minuri W għandu 'il fuq minn 15 -il sena, l-esponenti tħoss li l-aċċess għall-missier għandu jkun liberu bi ftehim mal-istess minuri anke in vista tal-fatt li minn mindu l-attriċi għalqet il-provi tagħha għadda ż-żmien u għalhekk il-minuri llum il-ġurnata ċertament li għandu rutina differenti miż- żmien li xehdet. Fid-dinja teknoloġika li qiegħdin ngħixu fiha huwa ferm faċli għall-intimat li jikkomunika m'ibnu direttament bil-għan li l-aċċess jiġi faċilitat aktar. L-esponenti umilment tħoss li stante l-eta' tat-tifel (ta' 15 -il sena u nofs) ikun counter-productive li jkun hemm*

---

[34] Ara a fol 34 tal-proċess.

*ordni t'aċċess fi ġranet u ħinijiet speċifiċi, speċjalment ukoll fid-dawl tan-nuqqas ta' regolarita' tal- aċċess li matul iż-żmien eżerċita l-intimat. L-esponenti ma tistax ma tippreċiżax li stante li jirriżulta li l-minuri mar għall-aħjar meta l-aċċess kien regolari, l-attriċi għandha taċċerta ruħha biex kemm jista' jkun tiffaċilita tali aċċess bejn l-intimat u l-minuri. L-esponenti tifhem li l-aċċess huwa dritt u mhux obbligu fuq l-intimat, pero' tali aċċess jibqa' ta' benefiċċju u dejjem fl-aħjar interessi tal-istess minuri li jqatta' ħin ta' kwalita' mal-missier.*

*8. DWAR IL-MANTENIMENT*

*Permezz ta' digriet datat it-22 ta' Frar 2012 l-intimat ġie ordnat iħallas is-somma ta' €200 kull 4 ġimgħat bħala manteniment għall-minuri.*

1. *L-esponenti tagħmel referenza għall-fatt li mill-atti jirriżulta li l-intimat jaħdem fuq bażi full-time. Minn mindu ġie ordnat il-manteniment imsemmi, l-manteniment baqa' dejjem l-istess b'dan li ma kien hemm ebda ħlas ta' saħħa u edukazzjoni. L-esponenti umilment tħoss li stante li l-intimat mhux kostanti u stante li jidher li bejn il-partijiet m'hemmx dik il-kooperazzjoni li wieħed jixtieq (tant li l-attriċi tikkontendi li l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni dejjem ħallsithom hi waħedha mingħajr ebda forma t'għajnuna da parti tal-istess intimat) allura l-manteniment likwidat minn din l-Onorabbli Qorti għandu jinkorpora fih ukoll l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u ċioe' sehem l-istess intimat għall- istess spejjeż. Għalhekk, fiċ-ċirkustanzi u wara li l-esponenti rat id-dokumenti esebit in atti u tenut kont tal-fatt li l-minuri ser ikompli jirrisjedi flimkien mal-omm, l-esponenti umilment tħoss li filwaqt li s-somma ta' mitejn Euro (€200) kull 4 ġimgħat li l-intimat preżentement ordnat iħallas huwa biss il-minimu stabbilit ormai mill-Qrati tagħna u fil- każ odjern il-manteniment m'għandux ikun dak minimu kif hawn fuq spjegat. Fid-dawl ta' dan l-esponenti umilment tissottometti li l-manteniment għall-minuri W għandu jkun ta' tliet mitt Euro (€300) kull erba' (4) ġimgħat, liema manteniment jinkludi fih l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni.*

   *Għall-finijiet ta' żmien li l-istess manteniment għandu jibqa' dovut, l-esponenti umilment tħoss li l-istess manteniment għandu jibqa' jitħallas di fermo sal-eta' ta' tmintax (18) –il sena mill-intimat. Wara dik l-eta' u sal-eta' massima ta' tlieta u għoxrin (23) sena, il-manteniment jibqa' dovut*

*biss jekk il-wild ikun qed jistudja fuq bażi full- time. F'każ li l-wild, wara l-eta' ta' tmintax (18) –il sena ma jibqax jgħix mal-omm, allura l-manteniment għandu jitħallas direttament mill-intimat lill-wild stess. L-esponenti umilment tħoss ukoll li l-manteniment likwidat fil-paragrafi ċitati aktar 'il fuq għandu jgħola kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.*

*9. DWAR IL-PROVVEDIMENTI KOLLHA NEĊESSARJI GĦALL-MINURI*

*Illi l-esponenti tagħmel referenza għat-tielet talba attriċi, liema talba hija waħda wiesgħa ferm u li tista' tinkludi fiha l-aspetti kollha relatati u li jaqgħu taħt il-kappa tal-interessi tal-istess minuri. Għalkemm l-istess attriċi ma tispeċifikax x'inhuma dawn il-provvedimenti, l-esponenti umilment tissottometti li ormai hemm talbiet relatati mal-minuri li issa saru standard u li fuq kollox jaqgħu taħt il-parametri mhux biss ta' provvedimenti dwar il-minuri (kif wara kollox qedjintalab permezz tat-tielet talba) iżda jaqgħu ukoll taħt il-kappa ta' Kura u Kustodja u Aċċess fost oħrajn.*

*Fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment tissottometti li mingħajr preġudizzju għall- ġeneralita' tal-aċċess imsemmi aktar 'il fuq, din l-Onorabbli Qorti għandha tagħti s-segwenti provvedimenti:*

1. *Dejjem b'kunsultazzjoni mal-minuri (li għandu 15 -il sena u nofs), l-intimat għandu jkollu aċċess fil-ġranet hawn taħt indikati bil-mod segwenti:*

   *(a) għal ġurnata sħiħa fil-ġurnata ta' Jum il-Missier u l-birthday tal-missier b'dan li jekk din tal-aħħar tinzerta f'ġurnata meta l-minuri jkollu l-iskola, tali aċċess jibda jiġi eżerċitat minn wara l-iskola*

   *(b) għal minimu ta' 3 siegħat fil-ġurnata tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-birthday tal- minuri u l-Għid;*

2. *Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm mill-omm u fiċ-ċirkustanzi, l-applikazzjoni u l- ħruġ tal-istess passaport għandu jsir bil-kunsens, l-approvazzjoni u l-firma tal-attriċi omm biss;*

3. *Jekk il-minuri qed jattendi xi attivita' extra-kurrikulari, l-intimat għandu jħallas ukoll nofs l-ispejjeż ta' tali attivita' extra-kurrikulari. Jiġi rilevat li l-esponenti hija tal-fehma li tali ordni għandha tkun applikabbli biss għal attivita' extra-kurrikulari waħda. L-esponenti tifhem l-importanza tal-attivitajiet extra-kurrikulari li jgħinu fl-iżvilupp tal-minuri u għalhekk fiċ-ċirkustanzi tħoss li l-intimat għandu jiġi ordnat iħallas biss nofs l-ispejjeż ta' attivita' extra-kurrikulari waħda li jagħmel il-minuri, dejjem flimkien mal-manteniment hekk kif likwidat aktar 'il fuq;*

4. *L-esponenti tirrileva li mill-atti jirriżulta (u dan kif tikkonferma l-attriċi stess) li kien hemm żmien meta l-intimat kellu problema biex iħallas il-manteniment għalkemm jidher li din il-kwistjoni irregolarizzat ruħha maż-żmien. L-esponenti tifhem li ċ-ċirkustanzi bejn il-partijiet dejjem jistgħu jinbidlu (speċjalment li skond ix-xhieda mressqa l-intimat illum għandu wkoll familja tiegħu apparti l-minuri mertu tal- proċeduri) u għalhekk tħoss li jkun għaqli li l-istess attriċi tiġi awtorizzata minn issa sabiex l-imsemmi manteniment jibda jinqata' direttament mill-paga tal-intimat.*

*10. Konklużjoni*

*Illi, in vista ta' dak suespost l-esponenti hija tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talbiet attriċi bil-modalitajiet hawn fuq imsemmija bl-ispejjeż kollha kif mitluba kontra l-intimat.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni akkurata tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawza. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha l-konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tagħha u pprovdiet lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-kaz odjern. Magħdud ma' dan il-Qorti tara li minkejja li l-partijiet ingħataw il-fakolta' li jezaminaw ir-rapport u konsegwentament iressqu d-domandi tagħhom lill-Perit Legali, il-partijiet ma għamlu xejn minn dan.

**2. L-Azzjoni Odjerna:**

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawza odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien izda ma jirrizultax li dawn qatt kienu mizzewġin, minn liema

relazzjoni twieled W D nhar is-27 ta' Jannar 2005. Il-partijiet għamlu xi zmien jgħixu flimkien bħala familja, izda għal numru ta' raġunijiet varji tali relazzjoni sfaxxat fix-xejn. Fid-dawl ta' dan, il-minuri spiċċa jgħix esklussivament mal-attriċi, fejn din qiegħda trabbih u tindukrah waħedha. Fil-prezent hemm *in vigore* digriet *pendente lite* dwar l-aċċess u manteniment tal-minuri, izda ma jirrizultax illi l-kura u kustodja tal-minuri qatt ġew regolari formalment. Tenut kont ta' dan in-nuqqas ta' involvement tal-konvenut f'ħajjet il-minuri u kif ukoll nuqqas ta' responsabbilita' bħala ġenitur illi jieħu ħsieb, jmantni u jeduka lil minuri, l-attriċi ntavolat din il-kawza sabiex is-sitwazzjoni rigward il-minuri W D tiġi regolata formalment permezz ta' deċizjoni ġudizzjarja.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawza fejn l-attriċi qiegħda titlob:

i. Tiġi fdata b'mod esklussiv il-kura u kustodja tal-minuri;

ii. Tiffissa manteniment adegwat għal minuri;

iii. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa fiċ-ċirkostanzi fl-aħjar interess tal-minuri.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut permezz tar-risposta ġuramentata tiegħu eċċepixxa illi filwaqt li jaqbel li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata f'idejn l-attriċi, huwa jirrizerva d-dritt tiegħu illi għall-awtortita' ta' ġenitur fir-rigward ta' deċizjonijiet straordinarji u kif ukoll għall-aċċess għal ibnu. Magħdud ma' dan, il-konvenut jaqbel li għandu jitħallas manteniment għal minuri izda tali manteniment għandu jirrifletti l-mezzi tal-konvenut u jgħid li dan għandu jkun ta' erbgħin Ewro (€40) fil-ġimgħa. Finalment u fir-rigward tal-aħħar talba, il-konvenut ma joġġezzjonax li l-Qorti għandha tagħti dawk il-provvedimenti meħtieġa bl-intiza li jiġu salvagwardjati l-interessi supremi tal-minuri.

### 3. Il-Verzjoni tal-Partijiet:

A skans ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti mhux ser tgħaddi sabiex terġa' tirreplika l-verzjoni tal-partijiet u l-provi mresqa minnhom, in vista tal-fatt li dan kollu diġa' jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu.

## 4. Prinċipji Legali Saljenti għal Kaz Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal kaz odjern.

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[35] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[36] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[37] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[38] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

---

[35] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[36] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[37] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[38] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances D vs Duncan Caruana**,[39] u **Marlon Grech vs A Banks**[40] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Fir-rigward ta' <u>manteniment</u>, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, li jistipulaw rispettivament:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħtl-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwarOpportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta'ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jewmatul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti*

[39]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[40]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*skontid-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149"*;

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B".*

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' mizzewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja eskluzziva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, izda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bzonnjuz u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated*

*controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluz mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala iltiema minkejja li għandhom iz-zewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika zejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Huwa rikonoxxut minn din il-Qorti illi sforz tali aġir, ikunu l-ġenituri stess li jagħzlu li jitfgħu lil uliedhom f'sitwazzjoni krudili, u dan għaliex l-ġenituri jkunu nies irresponsabbli, bla kompassjoni u b'nuqqas ta' volonta' li jħobbu, jindukraw u jrabbu lil uliedhom f'għozza li tant ikunu mxenqin għaliha. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa proprju s-sintezi tal-kaz odjern, fejn l-konvenut għazel li ma jerfax ir-responsabbiltajiet tiegħu bħala missier versu ibnu b'mod kostanti, bil-konsegwenza li tefa' l-piz tat-trobbija tal-minuri esklussivament fuq spallejn l-attriċi filwaqt li hu għazel li jifforma familja oħra, li ma tinkludix lill-minuri W D.

Skont id-dikjarazzjoni tal-attriċi, wara xahrejn mit-twelid tal-minuri, ir-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn, izda ftehmu li izommu relazzjoni amikevoli bejniethom u dan f'ġieħ l-interessi ta' binhom. Madanakollu, l-attriċi xorta waħda tikkontendi illi l-konvenut ħalliha tfendi għal rasha u konsegwentament il-minuri trabba fl-assena ta' missieru. Min-naħa l-oħra, l-konvenut jinnega l-allegazzjoni tal-attriċi u jgħid illi għal raġunijiet inspjegabbli l-attriċi zammet lil konvenut milli jara lil ibnu għal numru ta' snin.

Fir-rigward ta' kura u kustodja tal-minuri, il-Qorti tara li minkejja li l-konvenut wieġeb għall-azzjoni intavolata mill-attriċi, l-allegazzjonijiet tiegħu ma ġew bl-ebda mod ippruvati u dan minkejja li kellu l-fakolta' li jressaq il-provi neċessarji. Fil-verita' il-Qorti tara li l-aġir tal-konvenut fil-mori tal-kawza, kompla sabiex saħħaħ l-argument tal-attriċi u ċjoe' li l-konvenut ma għandux għal qalbu l-interessi ta' ibnu u huwa wkoll inkonsistenti, liema aġir ma jawgurax prospettiva ta' relazzjoni mill-aqwa mal-minuri. Il-Qorti tara li l-attriċi kienet dejjem prezenti fil-ħajja tal-minuri u dejjem lesta sabiex tipprovdi lil binha b'dak kollu neċessarju fil-ħajja kwotidjana. Għaldaqstant il-Qorti tinsab perswaza illi l-attriċi ppruvat timla' z-zarbun ta' zewġ ġenituri bl-aħjar mod li setgħat u dan sabiex tara li l-

minuri ma jkun jonqsu xejn. Fid-dawl ta' dan u d-dikjarazzjoni tal-konvenut stess fir-risposta ġuramentata tiegħu, il-Qorti qiegħda taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali u tara li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-kura u kustodja tal-minuri W D tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi A B, b'dana illi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala d-dar tagħha.

Għal kull buon fini u minkejja li l-kura u kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, il-Qorti tara li f'ġieħ l-interessi tal-minuri, il-konvenut ma għandux jiġi eskluz b'mod totali fil-ħajja tal-minuri. Madanakollu l-Qorti tara li fl-istess waqt trid tieħu konjzzjoni tal-eta' li *ormai* għandu l-minuri fil-prezent, u ċjoe' sbatax-il (17) sena, u b'hekk illum il-minuri m'għadux zgħir izda huwa ġuvni li ċertament jinsab f'pozizzjoni li jifhem u jevalwa s-sitwazzjoni in kwistjoni. Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li taqbel mal-Perit Legali, tara li:

a. L-attriċi hija awtorizzata tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti li jinkludu izda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, izda li l-konvenut għandu jkun infurmat bil-progress edukattiv, kwistjonijiet ta' saħħa u safar tal-minuri;

b. L-attriċi hija ukoll awtorizzata li tapplika u ġġedded il-passaport tal-minuri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġa fuq isem il-minuri għandu jinzamm fil-pussess tal-attriċi; u,

c. Il-konvenut għandu jgawdi d-dritt ta' aċċess versu ibnu, izda l-Qorti tara li d-digriet *pendente lite* datat 22 ta' Frar 2012 m'għadux jagħmel sens fiċ-ċirkostanzi stante li l-minuri llum għandu sbatax-il (17) sena u *di piu'* l-konvenut ma jzommx aċċess kostanti ma' ibnu. B'hekk il-Qorti qiegħda taddotta l-konsiderazzjoni tal-Perit Legali u ċjoe' illi fiċ-ċirkostanzi odjerni l-aċċess għandu jkun wieħed liberu fejn il-konvenut u l-minuri jifthemu bejniethom dwar meta għandhom jiltaqgħu, inkluz f'Jum il-Missier, għeluq zmien il-konvenut, fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid, u għeluq zmien il-minuri. F'dan ir-rigward il-Qorti teziġi lill-attriċi sabiex tiffaċilita tali aċċess stante li dan iservi ta' benefiċċju għal minuri nnifsu.

Fir-rigward tal-manteniment u tenut kont illi l-minuri ser ikompli jirrisjedi ma' ommu, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tqis it-talba tal-manteniment għal minuri. Mill-*employment history* tal-konvenut jirrizulta li l-konvent jinsab jaħdem fuq bazi *full-time* ma' Arrigo Group of Hotels Ltd.[41] Magħdud ma' dan il-Qorti għandha quddiemha ukoll kopja tal-FS3 tal-konvenut għas-sena 2010, bi dħul gross annwali ta' €8,568.96, izda ma għandhiex prova ta' introjtu riċenti. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tordna lil konvenut, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' (4) ġimgħat għal W D liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal W D, sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħzel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk it-tifel jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq tmintax-il sena, il-manteniment jgħaddi direttament lilu.

F'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri, il-Qorti tordna ukoll illi:

a. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja;

b. Dan il-manteniment għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut; u,

c. Dan il-manteniment għandu jiġi depozitat direttament lil attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

[41] Fol. 53.

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri W D għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi A B;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna lil konvenut iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' (4) ġimgħat għal W D liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal W D, sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħzel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk it-tifel jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq tmintax-il sena, il-manteniment jgħaddi direttament lilu;

3. Tilqa' it-tielet talba u f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri W D, tordna illi: (i) l-attriċi għandha tieħu d-deċizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri mingħajr awtorizzazzjoni tal-konvenut, (ii) l-attriċi tinforma lill-konvenut bil-progress edukazztiv, kwistjonijiet ta' saħħa u safar tal-minuri, (iii) l-attriċi għandha tapplika u ġġedded il-passaport tal-minuri, filwaqt li zzomm l-istess fil-pussess tagħha, (iv) il-konvenut ikollu dritt għal aċċess mal-minuri, liema aċċess għandu jkun liberu u bi ftehim mal-minuri stess, (v) manteniment għandu jogħola kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, u (vi) il-manteniment għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi introjtu tal-konvenut u depozitat fil-kont bankarju tal-attriċi.

Bl-ispejjez għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenut.